**Stqarrija Ministerjali mill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol l-Onor. Byron Camilleri dwar attakk fuq bastiment fl-ibħra barra ż-Żona ta’ Tiftix u Salvataġġ ta’ Malta, mill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi l-Onor. Chris Bonett dwar l-attakk fuq vapur fl-Istrett ta’ Hormuz u mill-Prim Ministru l-Onor. Robert Abela dwar is-sitwazzjoni internazzjonali**

**ONOR. BYRON CAMILLERI (Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol):** Ilbieraħ, it-Tlieta, 3 ta’ Marzu 2026, fis-1.10 p.m., iċ-Ċentru ta’ Koordinazzjoni tas-Salvataġġ ta’ Malta, tal-Forzi Armati ta’ Malta, ġie infurmat b’sitwazzjoni ta’ periklu barra ż-Żona ta’ Tiftix u Salvataġġ ta’ Malta.

Dan wara komunikazzjoni miċ-Ċentru ta’ Koordinament ta’ Moska u mill-kumpanija tal-bastiment. Il-koordinati li ġew mogħtija liċ-Ċentru ta’ Koordinazzjoni tas-Salvataġġ ta’ Malta kienu 34-17 North 017-04 East. Se npoġġi mappa fuq il-Mejda tal-Kamra li turi dawn il-koordinati sabiex kulħadd ikun jista’ jifhem aħjar. Għaldaqstant, l-awtorità koordinatriċi f’dan il-każ kienu l-awtoritajiet tal-Libja.

Malli rċieva dan l-allert, iċ-Ċentru ta’ Koordinazzjoni tas-Salvataġġ ta’ Malta ħareġ Urgent Marine Information Broadcast (UMIB) lill-baħħara, u beda l-proċeduri ta’ verifika u sforzi biex jistabbilixxi l-pożizzjoni eżatta tal-vapur u janalizza s-sitwazzjoni.

F’koordinament maċ-ċentru kompetenti ta’ koordinament, dik tal-Libja, il-Forzi Armati ta’ Malta tajret l-ajruplan tagħha King Air, li llokalizza l-bastiment fit-3.58 p.m. u kompla jfittex sabiex fl-4.52 p.m. illokalizza life boat bl-ekwipaġġ abbord, li wkoll kienet tinstab fiż-żona ta’ tiftix u salvataġġ Libjana.

F’isem iċ-ċentru kompetenti ta’ koordinament, iċ-Ċentru ta’ Koordinazzjoni tas-Salvataġġ ta’ Malta talab lill-bastiment l-aktar viċin tal-life boat, MT RESPECT, li kien jinsab 33 mil nawtiku ’l bogħod minn Malta, sabiex jassisti lil dawk fuq il-life boat. Wara, iċ-Ċentru tal-Koordinazzjoni tas-Salvataġġ ta’ Malta ġie infurmat mill-MT RESPECT li l-ekwipaġġ kollu nstab qawwi u sħiħ. Saret ukoll verifika mal-kumpanija sabiex jiġi stabbilit li l-persuni kollha nstabu. L-ajruplan Malti baqa' fuq il-post sakemm l-ekwipaġġ kollu kien abbord l-MT Respect.

Kif anke ġie spjegat ilbieraħ, il-Forzi Armati ta’ Malta baqgħu jsegwu s-sitwazzjoni u llum l-Erbgħa, 4 ta’ Marzu 2026, ġejt infurmat li wara li ġew salvati fiż-żona ta’ tiftix u salvataġġ Libjana, illum żewġ membri minn dawk salvati abbord il-vapur MT Respect ingħataw assistenza medika fil-Libja.

Il-Forzi Armati ta’ Malta qegħdin jagħmlu wkoll monitoraġġ tal-bastiment Arctic Metagaz, li fuqu ma rriżultax li kien hemm aktar ekwipaġġ. Baqa’ jsir monitoraġġ kontinwu, u sas-1.55 p.m. jirriżulta li dan il-bastiment jinstab 140 mil nawtiku ’l bogħod minn Malta.

Sur President, dawn huma ċirkostanzi li l-kunsiderazzjoni ewlenija fihom dejjem kien u dejjem ikun l-interess nazzjonali. Kien għalhekk li lbieraħ, 3 ta’ Marzu, f’dan il-bini stess, jien u l-Prim Ministru kkomunikajna mal-Kap tal-Oppożizzjoni u l-Kelliem tal-Oppożizzjoni għall-Intern sabiex naġġornawhom bid-dettalji illi kellna sa dak il-ħin.

Għarrafthom bl-informazzjoni kollha li kienet waslet għandi sa dak il-mument. Ħa nkun ċar: qed nitkellmu fuq komunikazzjoni li saret ftit sigħat biss wara li ċ-ċentru ta’ koordinament

Malti kien mitlub l-assistenza. Nenfasizzaha din tal-ħin għax kien hemm rapport illi jindika mod ieħor u għalhekk kien skorrett.

Dak li infurmajt bih lill-Kap tal-Oppożizzjoni u lill-Onorevoli Kelliem għall-Intern huwa dak li ftit wara ġie kkomunikat ukoll mill-Forzi Armati ta' Malta permezz ta' stqarrija uffiċjali.

Nista' ngħati l-kelma lil dan il-Parlament li dan l-ispirtu ta' interess nazzjonali żammejtu dejjem kemm ilni naqdi dan l-irwol għal dawn l-aħħar sitt snin u bħala Gvern se nibqgħu nżommuh kontinwament. Kemm fuq dan il-każ, kif ukoll kull fejn hekk ikun meħtieġ.

Tant ieħor nifhem li anke jekk dan il-każ ma seħħx la fit-territorial waters tagħna u wisq inqas fiż-żona ta' Search and Rescue Maltija, jiġbed interess u kien jimmerita li jkun hemm tagħrif f'waqtu. Għalhekk aġixxejna kif aġixxejna. Daqstant ieħor jimmerita li jkun tagħrif korrett u filwaqt li lbieraħ kont f'pożizzjoni li ninforma f'ħin relattivament qasir minn meta l-Forzi Armati ta' Malta ntalbet l-assistenza, jien nibqa' nemmen dejjem fil-bżonn tal-kawtela biex meta nitkellmu inwasslu informazzjoni li tkun verifikata.

Nirringrazzja lill-Parlament tal-attenzjoni tiegħu għal din il-materja u nestendi l-istedina lejn l-Oppożizzjoni biex fuq temi ta' dan it-tip inżommu djalogu ta' rispett, bogħod mis-sensazzjonaliżmu, u bbażat biss fuq il-fatti. Hekk biss jibqa' jipprevali l-interess tal-poplu Malti u Għawdxi tagħna.

------------

**ONOR. CHRIS BONETT (Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi):** Aktar kmieni llum, preċiżament fit-3.09 p.m., vapur tal-merkanzija bl-isem ta' MV Safeen Prestige, li jtajjar il-bandiera Maltija, u li s-sid tiegħu hija kumpanija Eġizzjana, intlaqat minn żewġ missili waqt li kien għaddej mill-Istrett ta' Hormuz. Konsegwenza ta' dan l-attakk, inħakem minn nirien, primarjament fl-engine room. Il-vapur intlaqat fuq il-poppa 'l fuq mil-livell tal-baħar. Għalkemm il-vapur ġarrab ħsarat relattivament kbar, il-baħħara abbord, li kienu 24 (21 ta' nazzjonalità Eġizzjana u tlieta ta' nazzjonalità Ukrena) ma sofrewx ġrieħi u ġew salvati mill-flotta navali tal-istat tal-Oman.

Fid-dawl ta' dawn l-iżviluppi, tlabt li jitlaqqa' l-Kumitat għas-Sigurtà Marittima, sabiex insegwu l-iżviluppi u jekk ikun hemm bżonn naraw x'passi jeħtieġ li nieħdu.

Bħala pajjiż nergħu nappellaw għas-sigurtà u l-ħarsien tal-vapuri u aktar minn hekk, tal-baħħara kollha li jkunu qed iwettqu dmirijiethom, partikolarment dawk fuq bastimenti merkantili.

Bħala pajjiż insostnu l-importanza tal-ħarsien tal-prinċipji tal-libertà tan-navigazzjoni u l-aderenza stretta mal-liġijiet internazzjonali marittimi, bħala pedamenti fundamentali tal-politika marittima tagħna, li dejjem teżiġi li l-ebda kunflitt m'għandu jimpatta s-sigurtà tal-kummerċ marittimu globali.

------------

**ONOR. ROBERT ABELA:** Grazzi, Sur President. Xtaqt inżid fuq dak li qal qabli l-Ministru Byron Camilleri. Ilbieraħ wara li lestejt id-diskors tiegħi dwar ir-riforma tal-Liġi tal-Familja, il-Ministru Byron Camilleri u jiena tkellimna mal-Kap tal-Oppożizzjoni u mal-Onor. Darren Carabott u aġġornajniehom b'dak li kien seħħ, dak li għadu kemm tkellem dwaru tant tajjeb illum il-Ministru Byron Camilleri. Kienet laqgħa qasira li saret hawnhekk ġewwa l-binja tal-Parlament innifsu. Waqt il-laqgħa kien hemm spjegazzjoni b'mod mill-iktar ċar mill-Ministru Byron Camilleri, li anke kellu quddiemu d-

dokumentazzjoni fuq il-laptop tiegħu li urieha kemm lill-Onor. Carabott, kif ukoll lill-Onor. Alex Borg. Punt li ġie spjegajt ċar ħafna kien li l-inċident u l-isplużjoni fuq il-bastiment inkwistjoni seħħet fl-SRR Libjan u mhux fl-SRR Malti. Dak kien punt li l-Ministru Byron Camilleri enfasizzah għal darba darbtejn, u ġie aċċettat min-naħa tal-Oppożizzjoni. Spjega wkoll b'mod mill-iktar ċar li kien ajruplan tal-Forzi Armati ta' Malta li tar fuq iż-żona inkwistjoni - kif għadu kif qal fl-istqarrija ministerjali - u fl-3.58 p.m. llokalizza l-bastiment, imbagħad ftit inqas minn siegħa wara llokalizza l-life boat li fuqha kien hemm il-crew tal-imsemmi bastiment.

B'sorpriża kbira għalija u ta' dispjaċir u diżappunt kbir, ftit wara dan il-meeting il-Kap tal-Oppożizzjoni tella' social media status fuq *Facebook*. Ħalliha li jien ma nqisx li huwa opportun li meta jkollok dan it-tip ta' laqgħat li jittrattaw materji daqstant serji f'ċirkostanzi daqstant serji, wieħed għandu joqgħod itella' fuq is-social media, però fuq dan kulħadd għandu l-preferenzi tiegħu. Li kont ixxukkjat - u xxukkjat ħafna - kien li l-Kap tal-Oppożizzjoni qal u nikkwota b'mod ċar: "l-isplużjoni li seħħet fis-search and rescue area ta' pajjiżna fuq it-tanker Russu ...", meta fil-meeting il-Ministru Camilleri qallu b'mod ċar li l-isplużjoni seħħet fuq bastiment li kien fl-SRR Libjan.

Ftit tal-ħin wara - mela l-ewwel verżjoni tellagħha fis-7.11 p.m. u fit-8.36 p.m, jiġifieri ftit aktar minn siegħa wara, tella' t-tieni verżjoni - bidel il-verżjoni, ikkoreġieha, editjaha u qal: "l-isplużjoni seħħet barra mis-search and rescue area ta' pajjiżna." Dik hi l-verżjoni li għednielu waqt il-laqgħa u hija l-verżjoni korretta.

Oħroġ l-għaġeb, ftit tal-ħin wara, 13-il minuta wara, reġa' bidel il-verżjoni u mar għall-verżjoni l-iskorretta oriġinali, kontra dak li kien qal hu stess ftit tal-minuti qabel, jiġifieri li "l-isplużjoni seħħet fis-search and rescue region ta' Malta".

Almenu l-Onor. Darren Carabott kien konsistenti u mill-bidu qal li l-isplużjoni seħħet 'il barra mis-search and rescue region ta' Malta u allura fis-search and rescue region tal-Libja. Jiġifieri hawnhekk għandna sitwazzjoni fejn il-kelliem għall-Oppożizzjoni qed jikkontradixxi lill-Kap tiegħu, jew viċi versa. Kien skorrett ukoll l-Onor. Darren Carabott, però, meta qal li kien hemm lanċa tal-Forzi Armati li marret fuq il-post. Dak id-diskors ma ntqal qatt. U kien impossibbli li jseħħ hekk għar-raġuni sempliċi li l-isplużjoni fuq il-bastiment seħħet 154.3 mil nawtiku 'l bogħod minn Malta. Ħalli nagħti ftit perspettiva. Jien nifhem għaliex il-Kap tal-Oppożizzjoni pprova jsemmi li ġrat fir-reġjun ta' Malta, biex jipprova jagħti xi impressjoni li kien qrib. Hawnhekk qed nitkellmu fuq distanza li hija tliet darbiet id-distanza bejn Malta u Sqallija. Dik hija d-distanza li qegħdin nitkellmu dwarha, tliet darbiet iżjed mid-distanza bejn Malta u Sqallija. Jiġifieri lanċa tal-Forzi Armati ta' Malta, li għandha cruising speed ta' bejn 15 u 18-il mil nawtiku fis-siegħa, tieħu mill-inqas 10 sigħat biex tagħmilha dik id-distanza. Mela jekk dan l-inċident ġie rapportat lilna fis-1.10 p.m., kieku din il-lanċa telqet minnufih mat-telefonata kienet tieħu mill-inqas għaxar sigħat. Jiġifieri huwa fiżikament impossibbli li qatt ġara hekk u huwa żgur daqskemm jien żgur li qiegħed hawnhekk f'din il-Kamra li l-Onor. Byron Camilleri tkellem fuq ajruplan tal-Forzi Armati ta' Malta li tar fuq iż-żona inkwistjoni.

Però jiena mhux dan jinkwetani. Li jinkwetani, Sur President, huwa mhux biss li hemm version 1, version 2 u version 3, imma li meta taf li version 3 hija skorretta, biex ma tidhirx li gerfixt terġa' tagħmel editing tal-post tiegħek u toħloq obbligi fuq l-istat Malti li mhumiex hemmhekk. Għax dan hu l-kobor tagħha. X'inhuma l-obbligi li għandna fis-search and rescue region ta' pajjiżna? Huma kbar dawk l-obbligi, fosthom f'dan il-każ inkwistjoni min se jagħmel is-salvataġġ tal-crew, lejn fejn se jiġi trasportat il-crew ...

Aħna fejn jidħlu kwestjonijiet mediċi u umanitarji m'hemmx dubju li dejjem assistejna. Però d-deċiżjoni li ħadna b'mod mill-iktar ċar ilbieraħ kienet li l-bastiment Respect li salva lill-crew kellu jmur lejn il-Libja. U assigurajna li l-ekwipaġġ ħa t-trattament mediku li kien meħtieġ.

Jien ngħid ukoll li kieku dik l-isplużjoni verament ġrat skont kif qal il-Kap tal-Oppożizzjoni f'version 1 u version 3, kien ikollok possibilità li jiskattaw obbligi diversi fuq pajjiżna. Kien ikollok sitwazzjoni fejn possibbilment pajjiżna jiddaħħal bejn il-basla u qoxritha. Dak li ma rridux nagħmlu f'ċirkostanzi bħal dawn ċertament huwa li lil pajjiżna nneħħulu l-vantaġġ sagrosant li għandu: in-newtralità u li qed jinżamm distakkat minn dawn il-kwestjonijiet. Hemm hi l-perikolożità li tgħaddi informazzjoni daqstant żbaljata għall-konsum tal-pubbliku.

Għalhekk jien, Sur President, nappella għar-responsabbiltà u l-maturità f'dan it-tip ta' ċirkostanzi. Ma jistax ikollna sitwazzjoni bħal din u jkollna xi replika ta' dak li kien jiġri waqt il-pandemija, meta l-Oppożizzjoni kienet f'kull ġurnata toħloq allarm fil-pubbliku u toħroġ tgħid affarijiet li ma kenux jagħmlu sens skont ix-xjenza; daqqa jgħidu li l-vaċċin mhux is-soluzzjoni, u daqqa jappellaw għal total lockdown. Għalhekk aħna lbieraħ konna responsabbli u infurmajna lill-Oppożizzjoni. Però mbagħad dak li tistenna lura huwa l-minimu tal-kortesija, il-minimu tal-korretezza, il-minimu li lill-pubbliku tagħna ma ngħaddulux informazzjoni li hija falza u misleading. Dak huwa li l-poplu jistenna.

Dawn huma ċirkostanzi li fihom pajjiżna huwa msejjaħ biex mill-ġdid jieħu deċiżjonijiet maturi u responsabbli, li bħala pajjiż ma nidħlux fi gwerer li mhumiex tagħna, li ma nintromettux ruħna f'ċirkostanzi li għal diversi raġunijiet jaqblilna nibqgħu barra minnhom. U llum b'wiċċi minn quddiem niġi quddiem il-poplu tagħna u ngħidlu li fl-isfond ta' dak kollu li qiegħed jiġri fl-Ukrajna, ir-Russja, fil-Lvant Nofsani u fil-Golf Għarbi, f'pajjiżna għandna ekonomija b'saħħitha li wara dawn l-episodji se tkompli tissaħħaħ, għandna finanzi tal-pajjiż li huma b'saħħithom u li se nużawhom biex nilqgħu għal kwalunkwe kontinġenza li tista' tiġri b'riperkussjoni ta' dak li qed jiġri 'l barra minn xtutna.

Aħna rridu nibqgħu niffokaw fuq dawk li huma verament il-prijoritajiet tal-poplu tagħna, jiġifieri li ntejbu s-servizz tas-saħħa, li ninvestu fl-edukazzjoni, li nżommu s-sussidji fuq il-prezzijiet tal-enerġija b'mod li nerġgħu nagħtu u nibqgħu nagħtu stabilità sħiħa.

Għalhekk dak li huwa mistenni min-naħa tal-Oppożizzjoni huwa li jekk tixtieq li tikkopera magħna - l-id tal-ħbiberija urejnieha lbieraħ però ċertament li ma ġietx reċiprokata. Però aħna se nibqgħu nuru sens ta' maturità u sens ta' rieda tajba. Nemmen li f'dawn iċ-ċirkostanzi għandna nibqgħu naġixxu b'maturità - u bħala Gvern se nibqgħu naġixxu hekk - u nieħdu dawk id-deċiżjonijiet kollha li jkunu meħtieġa biex inżommu lill-poplu u lin-negozji tagħna siguri fi kwalunkwe ċirkostanza.